31 AUG 2021

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 548**

**It-Tnejn 26 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Anna Calleja - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**548.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

548.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata.

548.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsillieri preżenti li s-Sur Joseph Agius kien qed jipprova jidħol għal-laqgħa permezz tal-*Microsoft Teams* iżda kien qed ikollu problemi tekniċi.

**548.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

548.2.1 Il-minuti tal-545 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

548.2.2 Il-minuti tal-546 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

548.2.3 Il-minuti tal-547 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**548.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

548.3.1 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar il-pubblikazzjoni tal-festa fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk hux ser isir avviż mill-Kunsill f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppubblikat avviż għall-ħlas ta' €150. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jippublika avviż fil-pubblikazzjonijiet taż-żewġ għaqdiet lokali.

548.3.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fil-kampanja *Blue Heart Campaign – UN World Day Against Trafficking in Persons* li ser issir fit-30 ta' Lulju, intiża biex tqajjem kuxjenza għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin billi l-Mina ta' Hompesch tiġi mdawwla b'lewn blu.

548.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li kienet ġiet iċċirkulata bejn il-Kunsillieri dwar l-attività tat-tombla li qed tiġi organizzata mill-Għaqda Mużikali Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien ħareġ il-permessi meħtieġa kif maqbul.

548.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol ta' tisbiħ fis-sala tal-Kunsill kien kważi tlesta u żied jgħid li kien fadal biss l-għorik tal-madum xi jsir. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol ta' tibjid tas-sala kien sar mill-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk.

548.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol fid-*dog park* sabiex isiru d-*double gates.* Is-Sindku żied jgħid li fid-*dog park* kien ser isir diviżorju sabiex isiru żewġ taqsimiet separati għall-klieb iż-żgħar u l-klieb il-kbar.

548.3.6 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi kienet irċeviet ilmenti dwar id-daqs tat-tqassim tad-*dog park.* Is-Sindku qal illi l-park kien ser ikun maqsum b'mod proporzjonat, kwart mill-*park* kien ser ikun għall-klieb iż-żgħar filwaqt li tlett kwarti tal-*park* kien ser ikun għall-klieb il-kbar. Is-Sindku żied jgħid li l-park inqasam b'deċiżjoni għaqlija. Is-Sindku spjega li ż-żoni jridu jkunu aċċessibli għall-persuni b'diżabilità.

548.3.7 Is-Sur Mark Grech qal illi huwa wkoll kien irċieva *feedback* dwar it-tqassim tad-*dog park* kemm mingħand is-sidien tal-klieb il-kbar kif ukoll mingħand is-sidien tal-klieb iż-żgħar. Is-Sur Grech qal illi persuna li tirrappreżenta numru ta' sidien tal-klieb li jiffrekwentaw d-*dog park* talbietu sabiex iż-żona tal-klieb iż-żgħar tikber. Is-Sindku spjega li dwar l-alterazzjonijiet kienet saret konsultazzjoni mal-perit tal-Kunsill u minħabba il-mod ta' kif inhuma mqassma l-istrutturi tal-logħob, il-bankijiet, il-*bins,* is-siġar *u* r-rampi għall-persuni b'diżabilità, ma kienx possibbli li l-*park* jinqasam mod ieħor. Is-Sindku żied jgħid li taħt l-istrutturi tal-logħob kien hemm il-konkos u barra minn hekk ried jitħalla spazju biżżejjed bejn it-tagħmir u l-ħajt diviżorju.

548.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li dan ix-xogħol kien ser isir permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku żied jgħid li l-injam tal-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ taqsimiet u l-injam tad-*dual gates* kienu qed isiru bil-materjal li kien inxtara fil-passat għall-*community bring in site* li kienet ser issir fiż-żona tal-Fataħ.

548.3.9 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mal-librara tal-Kunsill ġiet diskussa l-possibilità li jsir xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-librerija lokali. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ħitan jiġu mlewwna b'disinn modern, tinkiteb iskrizzjoni fuq il-ħajt, isir aktar xkaffar u jiġi rranġat il-bieb li jagħti għas-sala tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li t-tibjid tal-librerija kien ser isir permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk.

548.3.10 Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

548.3.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat *tournament* tal-loghba tal-boċċi bil-kollaborazzjoni tal-klabb tal-boċċi, u li l-Kunsill iħallas għat-*trophies* ta' dan it-*tournament.* Is-Sindku spjega li dan it-*tournament* kien ser isir bis-sehem tal-għaqdiet Żabbarin biss.

548.3.12 Is-Sindku ta' aġġornament dwar il-kostruzzjoni ta' toroq li kienu qed isiru mill-Gvern Ċentrali u nforma lill-membri preżenti li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jinbeda xogħol ta' *resurfacing* fi Triq l-Iskola, Triq Santa Tereża, Triq Felice u Triq il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku żied jgħid li fost affarijiet oħra, dawn ix-xogħlijiet kienu

jinkludu kanali ġodda tal-*storm water* sabiex tittaffa l-problema tal-għargħar f'din iż-żona.

548.3.13 Is-Sindku qal li *Infrastructure Malta* kienet qed tagħmel xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq fiż-żona ta' St Peter u qal ukoll illi fi Triq Bieb is-Sultan kien qed jingħata l-ewwel saff ta' tarmak. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kanali fi Triq ix-Xgħajra kienu ġew mogħtija t-tarmak. Dwar Triq il-Qaqoċċ is-Sindku qal illi x-xogħlijiet kienu ser jieħdu fit-tul minħabba li ser jinbnew pedamenti tat-triq aktar sodi u wara eventwalment jsirilha wiċċ ġdid bl-asfalt. Triq il-Luq kien jonqos jingħata l-aħħar saff ta' tarmak, filwaqt li t-toroq l-oħra fil-*Housing Estate* kienu tlestew kollha.

548.3.14 Dwar il-proġett tal-*Wasteserv* fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar, Triq il-Biċċieni, Triq Santa Duminka u Triq il-Marloċċ, is-Sindku qal illi s-sejħa għall-offerti kienet ħarġet u kien qed isir il-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti. Ix-xogħol mistenni jibda lejn l-aħħar tas-sena.

548.3.15 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-isqaqien ta' wara l-knisja kien inbeda. Is-Sindku żied jgħid li l-kostruzzjoni tal-isqaqien kienu qed isiru permezz tal-fondi tal-Kunsill.

548.3.16 Is-Sindku qal li x-xogħlijiet ta' restawr tal-Monument tal-Gwerra u d-dawl f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienu tlestew. Is-Sindku żied jgħid li kien jonqos jinxtara biss fanal tad-dawl tal-funtana. Dwar l-inawgurazzjoni tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku, is-Sindku qal li din kienet ser issir wara li jitlesta x-xogħol ta' manutenzjoni tas-sala u tal-librerija.

548.3.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi dwar il-proġett tas-*Superblock* pedonali fiż-żona tal-iskola kien għaddej b'diskussjoni ma' *Infrasturcture Malta* u ma' *Transport Malta* sabiex il-proġett isir konġunt magħhom.

548.3.18 Is-Sindku tkellem dwar is-servizzi li ġew mogħddija fi Triq John Delia u nforma l-Kunsill illi t-tarmak ingħata tul il-wisgħa tat-triq kollha.

548.3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-problemi marbuta mal-kanali li kienu qed isiru tan-*New Water* fi Triq San Leonardu Limiti ta' Xaqqa ġew solvuti u x-xogħol kien miexi b'ritmu tajjeb.

548.3.20 Is-Sindku qal illi kien tkompla x-xogħol tad-drenaġġ li kien qed isir fi Trejqet Wied ta' Mazza. Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-oqbra puniċi li kienu nstabu fi Trejqet Wied ta' Mazza u nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mas-Sovritendenza tal-Wirt Kulturali ġiet diskussa l-possibilità li dawn l-oqbra jiġu esebiti fil-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi Heritage Malta kienu aċċettaw li dawn l-oqbra jiġu esebiti fil-Mużew bil-kollobarazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-promozzjoni u l-ħlas ta' trasport sabiex jinġarru l-vetrini tal-oqbra fil-Mużew tas-Santwarju irid isir mill-Kunsill.

548.3.21 Fuq kwistjoni separata s-Sindku qal illi kien iddiskuta flimkien mas-Sovritendenza tal-Wirt Kulturali dwar żewġ skudetti tal-ġebel li allegatament instabu f'dar fiż-żona tal-*Housing Estate* f'Ħaż-Żabbar u li turi l-emblema tal-Gran Mastru Perellos. Is-Sindku spjega li din id-dar kienet tintuża għas-sajd mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Is-Sindku żied jgħid li din l-arma kienet ser tingħata lill-Istat u s-Sovritendenza tal-Wirt Kulturali kienet offriet li dawn l-iskudetti jinżammu fil-lokalità u jiġu esebiti b'mod permanenti fil-Mużew tas-Santwarju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas għall-ġarr tal-vetrini u tal-iskudetti.

548.3.22 Dwar il-kampjonat tar-Raffa, is-Sindku nforma lill-Kunsill illi minħabba problemi personali, hu kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Angelo Scicluna kellhom iħassru l-vjaġġ lejn l-Italja. Is-Sindju spjega li minkejja dan id-diskussjonijiet mal-Kunsill ta' Bocciodromo in Pavulle fl-Italja kienu saru xorta waħda. Is-Sindku żied jgħid li ż-żewġ atleti kienu marru għall-kampjonat u ġabu riżultati tajbin.

548.3.23 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm żvilupp dwar ix-xogħol li kien għaddej fi Triq in-Nissieġ. Il-Viċi Sindku talbet li ssir pressjoni mal-entitajiet konċernati sabiex ix-xogħlijiet jitlestew qabel ix-xitwa minħabba li r-residenti li joqgħodu f'din it-triq kienu wrew it-tħassib tagħhom minħabba l-ilma tax-xita. Is-Sindku qal illi ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq huma mistennija jitlestew sal-aħħar tas-Sajf.

548.3.24 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sabiex jitnaqqsu t-trabijiet mit-toroq, il-Kunsill kien naddaf it-toroq permezz ta' *bowser* tal-ilma.

548.3.25 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien iffirma l-*Memorandum of Understanding* mal-*Cleansing Department.*

548.3.26 Is-Sur Mark Grech staqsa x'kienet ir-raġuni li l-kostruzzjoni ta' Triq ta' Lanza kienet għada ma nbditx minkejja li kienet imniżżla fil-lista tat-toroq li kellhom isiru f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li Triq ta' Lanza kienet għadha ma saritx minħabba li kien għad hemm l-iżviluppaturi tal-bini għaddejjin bix-xogħlijiet tagħhom. Barra minn hekk kien għadu għaddej il-proċess ta' esproprijazzjoni tal-art. Is-Sindku żied jgħid li Triq John Delia saret mill-kuntrattur tal-Enemalta minħabba li għaddew il-*cables* fit-triq.

**548.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

548.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**548.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

548.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Ġunju 2021 u s-26 ta' Lulju 2021 li kienet tammonta għal €63,693.74.

**548.6 Dar tal-Anzjani**

548.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara li saret laqgħa mas-Sorijiet tal-Ursolini u mal-Kurja, il-Kunsill kien emenda l-pjanti proposti tad-dar tat-tfal tal-istitut. Is-Sindku żied jgħid li matul il-jiem li ġejjin kellu laqgħa oħra mas-Sorijiet tal-Ursolini sabiex jiġu ppreżentati l-pjanti mill-ġdid. Kif ikun hemm qbil mas-sorijiet u mal-Kurja, is-Sindku qal illi kien ser iressaq kopja tal-pjanti finali għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**548.7 Tismija ta' Toroq – Triq iż-Żarżarell**

548.7.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li Triq iż-Żarżarell tiġi prolungata kif propost mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

548.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-*Bank of Valletta* kien qed iżomm miżata għolja fix-xahar minħabba li l-Kunsill kellu bilanċ għoli fil-kont tal-bank. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jiftaħ kont bankarju ieħor sabiex jitrasferixxi l-flus mill-Bank of Valletta u ma jħallasx *bank charges* bla bżonn.

**548.8 Skart tal-Ħwienet**

548.8.1 Is-Sindku tkellem dwar il-problemi tal-iskart li jiġi ġġenerat mill-ħwienet. Is-Sindku żied jgħid li wħud mis-sidien ma kienux qed jippakjaw il-kaxxi tal-kartun f'*bundles* iżda kienu qed joħorġu turrun ta' kaxxi bil-konsegwenza li jinxterdu mat-triq. Is-Sindku żied jgħid li s-sidien tal-ħwienet huma obbligati li jkollom kuntrattur privat sabiex jiġbor l-iskart. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill iżomm *database* bid-dettalji tas-sidien u għaldaqstant joħroġ sejħa sabiex is-sidien tal-ħwienet jiġu jirreġistraw id-dettalji tagħhom mal-Kunsill. Permezz ta' din id-*database* il-Kunsill ikun jista' jikkomunika aħjar mas-sidien tal-ħwienet dwar il-kollezzjoni tal-iskart. Barra minn hekk din id-*database* tkun tista' tintuża għall-*mobile app* tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Agius staqsa x'kien ser jiġri f'każ li s-sidien tal-ħwienet ma jiġux jirreġistraw id-dettalji tagħhom. Is-Sindku qal illi f'dak il-każ kien ser imur il-Kunsill għand is-sidien tal-ħwienet sabiex jiġbor l-informazzjoni.

548.8.2 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-talba tal-Kunsill sabiex ikun hemm aktar infurzar lokali mil-LESA. Is-Sindku qal illi kien qiegħed f'kuntatt mal-LESA dwar dan.

**548.9 Reġistrazzjoni tal-amministratur fi blokka residenzjali**

548.9.1 Is-Sindku qal illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm żieda fil-kostruzzjoni ta' blokok residenzjali fosthom fil-*Housing Estate*. Is-Sindku spjega li f'kull blokka t' appartamenti, bil-liġi, irid ikun hemm amministratur tal-blokka. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ sejħa għar-reġistrazzjoni tal-amministraturi tal-

blokka. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkomunika b'mod dirett mal-amministraturi u jkun iktar viċin tar-residenti. Is-Sur Mark Grech qal li kull amministratur huwa obbligat jirreġistra mal-Awtorità tad-Djar. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet ippruvat iġġib il-lista tal-amministraturi reġistrati iżda minħabba protezzjoni tad-data l-Awtorità tad-Djar ma pprovditx din il-lista. Peress illi l-Kunsill m'għandux poter li jiġbor din it-tip ta' data, is-Sur Mark Grech staqsa jekk hux possibli li jsir dan minħabba li l-Awtorità tad-Djar biss tista' titlob din l-informazzjoni. Is-Sindku qalli illi min ser jirreġistra mal-Kunsill kien ser jagħmel dan a *buona volonta* tiegħu. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jinforma lill-amministraturi li ser jiġu jirreġistraw li din id-data kienet ser tintuża biss għal skopijiet ta' Kunsill Lokali. Peress illi m'hemmx obbligu legali, is-Sur Mark Grech qal illi jista' jagħti l-każ li ma jkunx hemm konkorrenza.

548.9.2 Fis-7.10 ta' filgħaxija is-Sinjura Ghislaine Bongailas talbet li tkun skużata.

**548.10 Naħal maħrub**

548.10.1 Is-Sindku tkellem dwar l-importanza tan-naħal b'rabta mas-siġar u l-frott. Peress illi ċerta naħal ikunu qed jirgħu fuq fjuri slavaġ, il-Kunsill ġie mitlub biex matul il-perjodu li n-naħal ikun qed idakkar, ma jinqatax il-ħaxix selvaġġ mit-toroq ta' qalb l-għelieqi. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'dan il-proġett. Is-Sur Joseph Agius talab li l-Kunsill jiġi ggwidat mill-esperti dwar din il-materja. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jiġi ggwidat mill-esperti f'dan il-qasam. Il-Viċi Sindku qalet illi aktar mhu qed jgħaddi ż-żmien, in-naħal kien qed jonqos miż-żoni rurali u għaldaqstant il-Kunsill għandu jimxi mal-gwida li jiġu mogħtija mill-esperti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett nazzjonali u fejn hu possibli ma jinqatax il-ħaxix selvaġġ matul il-perjodu li fih in-naħal ikun qed idakkar.

**548.11 Strutturi Artistiċi għal Triq l-1 ta' Frar, 1994**

548.11.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ħareġ espressjoni ta' nteress għal strutturi artistiċi fi Triq l-1 ta' Frar, 1994 u kien irċieva proposta waħda. Is-Sindku żied jgħid li kopja ta' din il-proposta kienet intbgħatet lill-Kunsillieri permezz tal-*email*. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsill dwar din il-proposta. Il-Viċi Sindku qalet li din il-proposta kienet interessanti. Minħabba li l-Kunsill kien irċieva proposta waħda, is-Sindku ppropona li jiġu avviċinati artisti li jagħmlu kemm skultura fil-ġebel kif ukoll fl-injam u / jew ħaddieda sabiex iressqu proposta. Il-Viċi Sindku qalet li l-ispiża tal-istrutturi artistiċi għandha tkun l-istess bħall-ispiża li kienet ġiet proposta sabiex isiru l-bankijiet. Is-Sindku ppropona li l-proposta sottomessa ma tiġix magħżula minħabba l-kwalità tal-materjal. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li minbarra l-artisti jiġu avviċinati wkoll l-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal illi kull min ser iressaq proposta irid ikollu rċevuta fiskali. Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitlob lill-każini tal-baned sabiex jirrakomandaw xi artisti minn naħa tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li

minħabba regolamenti marbuta max-xiri, il-Kunsill huwa obbligat li jġib minimu ta' tlett kwotazzjonijiet.

**548.12 Miżura 4.4 - Pagamenti dovuti mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

548.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva dwar tnaqqis ta' fondi mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali relatati mal-proġett ta' Ħitan tas-Sejjieħ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li saret verifika mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli, l-ammont ta' €5,101.28 kien ser jitnaqqas mill-ammont dovut u għaldaqstant il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jaċċettax jew joġġezzjona għal dan it-tnaqqis. Is-Sur Mark Grech talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega r-raġuni għal dan it-tnaqqis. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-leġislazzjoni preċedenti u amministrazzjoni differenti, l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti tal-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar ZLC 6/2019 u l-ħatra tal-membri tal-Bord tal-evalwazzjoni saret fl-istess ġurnata tal-laqgħa. Is-Sindku ssuġġerixxa li jintalab il-parir tal-avukat dwar din il-materja. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri li kienu eletti fil-leġislazzjoni preċedenti jekk kellhomx xi komunikat permezz tal-*email* dwar il-ħatra ta' dan il-Bord. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-parir tal-avukat dwar dan il-każ.

**548.13 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

548.13.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura ABX149 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq is-Santwarju, fejn talab kumpens ta' €65 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li t-trinka ndikata fir-rapport kienet saret minn kuntrattur privat u l-Kunsill kien diġa għaddha d-dettalji lill-puliżija. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

548.13.2 Is-Sindku tkellem dwar l-ittra legali li l-Kunsill kien irċieva minn resident li joqgħod fi Triq il-Ward dwar siġra taż-żebbuġ li allegatament kienet qed tagħmel ħsara fiċ-ċint tal-ġnien tiegħu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-resident kien bagħat rapport tal-perit permezz tal-avukat. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan ir-rapport jintbgħat lill-perit tal-Kunsill qabel tintbgħat l-ittra bħala risposta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jitħejja rapport mill-perit tal-Kunsill dwar dan il-każ.

548.13.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra legali minħabba li ma ġiex approvat permess biex tingħalaq Triq il-Kunvent sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni. Is-Sindku spjega li minħabba li Triq ix-Xgħajra kienet magħluqa minħabba xogħol ta' *resurfacing,* il-Kunsill kien issuġġerixxa lill-

kuntrattur sabiex jaħdem f'ħinijiet differenti sabiex jiġi evitat konġestjoni tat-traffiku. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien bagħat risposta permezz tal-avukat u dan il-każ ġie solvut. Peress illi matul dan il-perjodu kienu qed jingħalqu diversi toroq minħabba xogħol ta' *resurfacing*, is-Sindku spjega li biex jiġi evitat konġestjoni tat-traffiku, il-Kunsill kien qed joħroġ permessi sabiex jintuża makkinarju qabel id-9.30 ta' filgħodu. Is-Sindku żied jgħid li t-toroq kienu qed jingħalqu bl-approvazzjoni ta' Transport Malta wkoll.

## 548.14 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

548.14.1 Il-Viċi Sindku qalet li hemm kanal perikoluż taħt il-bankina fi Triq Ġużeppi Testaferrata u talbet li jsir *gutter* tal-ħadid sabiex jitneħħa l-periklu. Is-Sindku qal illi dak il-kanal kien ġie mogħddi llegalment. Il-Viċi Sindku talbet li jintalbu l-permessi meħtieġa sabiex din il-problema tiġi solvuta. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-perit tal-Kunsill dwar dan il-każ sabiex tinstab soluzzjoni.

548.14.2Il-Viċi Sindku talbet li jitneħħa periklu li hemm fuq il-bankina fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq il-Kapuċċini. Il-Viċi Sindku qalet li fuq il-bankina kien hemm parti mill-bankina mikxufa. Is-Sindku qal illi diġa kien kellem lill-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq ix-Xgħajra.

548.14.3Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hiex wasal il-proċess sabiex issir il-*pelican crossing* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal illi l-*pelican crossing* kienet ser issir wara li jitlestew ix-xogħlijiet tal-isqaqien.

548.14.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienet ser issir iż-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal illi din kienet ser issir mal-proġett propost ta' *traffic management* li ser isir fi Triq tal-Labour.

548.14.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienet ser issir ir-*road hump* fi Triq Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-perit ta' *Infrastructure Malta* dwar dan.

548.14.6 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinqata' il-ħaxix minn Triq l-Attakk tal-Franċiżi. Is-Sindku qal illi l-ħaxix kien inqata' ftit tal-jiem ilu.

548.14.7 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa f'hiex kien wasal il-proċess taż-*zebra crossing* fejn il-grawnd tas-St Patrick. Is-Sindku qal illi kien ser jerġa' ikellem lil Transport Malta.

548.14.8 Is-Sur Angelo Scicluna semma l-ħtieġa li jiġu organizzati l-ispazji ta' parkeġġ fi Triq il-Kittien. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien issottometta l-pjanti għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

548.14.9 Is-Sindku qal illi flimkien mal-perit kien iddiskuta sabiex jiġu organizzati l-ispazji ta' parkeġġi fi Triq Sant' Antnin fejn kien hemm l-*IBINS*.

548.14.10 Is-Sur Angelo Scicluna talab li jintbgħat kennies aktar ta' spiss fi Triq Santa Marija in-naħa tal-kappella, peress illi kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb.

548.14.11 Il-Kaptan Patrick Barbara reġa' semma l-ħtieġa li jintbgħatu *green wardens* minħabba li wħud mir-residenti kienu qed joħorġu l-iskart tagħhom mhux skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Il-Kaptan Barbara qal ukoll illi hemm residenti li joħorġu l-borża tal-iskart fil-kantuniera minflok wara l-bieb tagħhom.

548.14.12 Il-Viċi Sindku talbet li tkun preżenti jekk jiġi ffirmat *Memorandum of Understanding* dwar il-konservazzjoni tan-naħal.

548.14.13 Is-Sur Joseph Vella staqsa x'kien ser isir dwar l-attivitajiet tal-festa. Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jiltaqa' mal-arċipriet, mal-pulizija u mal-għaqdiet lokali sabiex jiddiskuti l-attivitajiet. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Vella sabiex ikun preżenti matul dawn il-laqgħat. Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi organizza ikla flimkien mal-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal illi kien ser isejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiddiskuti l-attivitajiet tal-festa.

**548.15 Mozzjonijiet**

548.15.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**548.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

548.16.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 30 t' Awwissu, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

548.16.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-549 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 30 t'Awwissu, 2021

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku